# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2016

Appell Nru: 498/2013

**Il-Pulizja**

**(Spettur Jesmond Micallef)**

**Vs**

*Omissis*

**Stephen Francis Galli**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, *Omissis* u Stephen Francis Galli, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 191009L akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar id-29 ta' Ottubru, 21010, matul il-jum u cioe' ghall-habta tal-hdax neqsin ghoxrin minuta ta' filghodu, f' dawn il-Gzejjer u cioe' gewwa Appartament numru 601, White Mansions, Triq Ghar id-Dud, Sliema, ikkommettew serq ta' diversi oggetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-persuna u

kif ukoll bil-valur li jeccedi s-somma ta' €232.91c izda inqas minn €2329.37c, u li sehh ghad-detriment ta' Nicole Campbell, u/jew persuna jew persuni ohra;

**Omissis wahdu kien akkuzat ukoll talli**

Nhar id-29 ta' Ottubru, 2010, ghall-habta ta' l-erbgha w kwart ta' wara nofsinhar, waqt li kien jinsab gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema, harab mill-kustodja tal-persuna jew persuni nkarigati mill-kustodja tieghu;

Akkuzat ukoll talli kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b' zewg sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta;

U finalment akkuzat ukoll talli sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

**Stephen Francis Galli wahdu kien akkuzat ukoll talli**

Xjentement nhar id-29 ta' Ottubru, 2010, laqa' ghandu jew gieghel lil haddiehor li jilqa' ghandu persuna li kontra taghha jkun hemm ordni ta' arrest ghal reat suggett ghall-piena ta' prigunerija ghal aktar minn tlett xhur, inkella li l-Pulizija Ezekuttiva tkun fitxet sabiex tarrestah ghal dak ir-reat, jew li tkun harbet wara li kienet giet arrestata ghal dak ir-reat, u cioe lil Omissis;

Akkuzat ukoll talli fid-29 t' Ottubru, 2010, f' dawn il-Gzejjer, xjentement, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe' diversi gojjelli mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reati, jew, xjentement, b' kull mod li kien, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

U finalment akkuzat ukoll talli sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, b' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-11 ta' Novembru, 2013, li biha filwaqt illi astjeniet milli tiehi konjizzjoni ulterjuri ta-tielet imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 49, 50, 158, 261(b)(c)(e), 263(a)(b), 264, 265, 266, 267, 269(g), u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati tal-imutazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu b'dan li fir-rigward tal--ewwel imputazzjoni ma jirrizultax l-aggravju tal-persuna mill-liema aggravju kien liberat, u ikkundannatu ghal sentejn prigunerija u in oltre li jhallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €867.67 rapprezentanti l-ispejjez tal-espert nominat fil-mori ta' dawn il-proceduri u nofs l-ispejjez rinkorsi mal-hatra ta'l-esperti nominati fil-kors ta'l-inkjesta.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Stephen Francis Galli, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-19 ta' Novembru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabet in-nuqqas tal-aggravju tal-persuna u fejn iddikjarat illi r-ricettazzjoni kienet alternattiva ghall-akkuza ta' serq u tirrevokaha ghall-kumplament u hekk tilliberah minn kull htija u piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

L-appellant tressaq flimkien ma' persuna ohra, Dylan Rodenas, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex wara li dan tal-ahhar kien intercettat gewwa appartament li fih kienet tirrisjedi persuna li sa ftit qabel kienet l-gharusa tieghu. Dan kien hekk intercettat filwaqt illi kien qed ihejji biex

inehhi minn dan l-appartment *television* li gia kien inqala minn postu u tqieghed f'nofs il-kamra ta' barra. Huwa kien akkumpanjat minn persuna ohra li dak il-hin harbet tigri ghal fuq il-bejt u minn hemm dahlet f'residenza ohra billi kissier tieqa u harab ghal fuq it-triq. F'katusa fuq il-bejt il-Pulizija sabet xi gojjellerija li kienet tappartjeni lil sid l-appartament. Rodenas kien arrestat u ttiehed l-ghassa tal-Pulizija tas-Sliema u waqt l-interrogataorju irnexxielu jahrab. Aktar tard, Rodenas instab fil-presenza ta' zewg persuni ohra, wiehed minnhom l-appellant odjern. Fil-kors tal-indagini, Rodenas qal li kien mejjun minn Stephen mgharuf bhala l-Amerikan. Rodenas kien ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u wara separazzjoni tal-gudizzju intalab jixhed f'dawn il-proceduri izda ma seta jiftakar xejn, oltre li kien appella mis-sentenza moghtija lilu. Wara li s-sentenza fil-konfront tieghu ghaddiet in gudikat u kien skonta terminu ta' prigunerija, rega xehed f'dawn il-proceduri u spjega kif hu kien talab lill-appellant jassith sabiex jiehu lura t-*television* tieghu mill-appartament tal-gharusa tieghu wara li kienu telqu lil xulxin. L-appellant izda, darba introdott fl-appartament, ghazel illi jiehu xi oggetti ohra u malli tfaccaw il-Pulizija, hu ghazel li jifthilhom il-bieb filwaqt illi l'appellant harab minn fuq il-post.

Fl-ewwel gravami tieghu l-appellant jargumenta illi l-Ewwel Qorti strahet fuq ix-xhieda tal-komplici meta din ma kellhiex il-qawwa tal-konvinciment u dan ghaliex Rodenas mhux biss ma kienx konsistenti izda ukoll ma kienx xhud affidabbli. Din il-Qorti ezaminat id-deposizzjonijiet ta' Dylan Rodenas u jemergi s-segwenti. Rodenas xehed l-ewwel darba fit- 30 ta' Jannar 2012 u kien qal li qabel ma kien inkarcerat kien jghix mal-gharusa tieghu. Aktar minn hekk ma jiftakar xejn: la ma min kien dakinhar tal-allegata serqa, la d-data u lanqas ghaliex kien qieghed fl-appartament u dak li jaf hu dak li qaltlu t-tfajla tieghu wara l-akkadut tant li kien ammetta l-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu a bazi ta' dak li qaltlu t-tfajla tieghu. Jghid illi f'dik il-gimgha biss kien arrestat madwar 12-il darba u anqas biss jaf li kien irrilaxxja xi

stqarrija ghaliex kien taht effett hazin tad-droga. Huwa rega ddepona fl-4 ta' Gunju 2012 meta allura kien issa skonta s-sentenza ta' prigunerija moghtija lilu dwar l-involviment tieghu fil-kaz odjern. Huwa spjega li dakinhar hu u l-appellant pruvaw jidhlu fil-flat tat-tfajla tieghu billi jizgassaw l-bieb izda rnexxielu jidhol minn *skylight* u fetah il-bieb ghall-appellant. Appena dahlu fl-appartament bdew jargumentaw ghaliex inizzjalment kienu ftehmu li jidhlu biex jiehu it-*television* tieghu izda l-appellant, fi kliemu, *got greedy* u ried jiehu xi affarijiet ohra li, izda, ma jiftakarx x'inhuma. Meta fetah il-bieb sab lill-Pulizija u arrenda izda l-appellant harab u ma jafx jekk mieghu hax xi oggetti ghax kien imbezza. Waqt li kien qed ikun interrogat, Rodenas harab mill-kustodja tal-Pulizija u mar ghand habib tieghu li ma jafx x'jismu fejn kien hemm ukoll prezenti l-appellant li skond hu kien jaf li kien mahrub;

Fil-konsiderazzjonijiet taghha, l-Ewwel Qorti rriteniet illi *dawn il-fatti jirrizultaw ampjament mhux biss mid-deposizzjoni tal-Pulizija involuti f'dan il-kaz imma anke mid-deposizzjoni ta' Rodenas, tat-tfajla tieghu, u anke mill-ezamijiet forensici li saru fosthom dak ta' DNA fuq il-balaclava li nstabet fuq il-bejt.* Issa l-appellant jghid illi Rodenas ma kienx xhud affidabbli u ghalhekk ma setghax ikun emmnut. Jghid ukoll illi Rodenas ivvinta din l-istorja meta l-appellant kkonfrontah sabiex irodd lura flus li kellu itih. L-appellant ghazel illi ma jixhidx fil-proceduri kontra tieghu kif kellu dritt li jaghmel, u huwa inutili ghalih issa li jallega dawn il-hwejjeg. Mill-atti processwali jirrizulta illi l-balaclava misjuba fuq il-bejt tal-appartament, allura milbusa u mhollija hemm mill-persuna li harbet minn fuq il-post, kellha DNA li jappartjeni lill-appellant. Dan kif jemergi mir-rizultanzi xjentifici kondotti fuq il-balaklava u paragunati ma' kampjuni ta' DNA mehuda minn fuq l-appellant fuq ordnijiet tal-Qorti Istruttorja. Dan wahdu huwa prova inkonfutabbli illi l-appellant kien wiehed miz-zewg persuni li introducew ruhhom fl-appartment tal-ex tfajla ta' Rodenas. Inoltre, ma setghax kien Rodenas illi heba l-gojjellerija fil-katusa ta' barra l-appartament ghaliex l-Pulizija intercettawh fl-istess

appartament. Tajjeb li jkun rikapitat ukoll illi kienu l-girien li qajmu l-allarm mal-Pulizija meta raw zewgt irgiel suspettuzi dehlin mill-komun tal-appartament tal-ex tfajla ta' Rodenas. Inoltre, meta Rodenas harab mill-kustodju tal-Pulizija rega nstab fil-kumpanija tal-appellant u ghalhekk , *gratia argomenti,* t-tezi tieghu li kien Rodenas li ivvinta dan kollu bhala tpattija ghaliex talbu lura l-flus, hija wahda inattendibbli. Bil-provi mressqa, l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghal-sejbien ta' htija u din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni minnha ezercitata;

Kwantu l-imputazzjoni kif ravvizata fl-artikolu 158 tal-Kapitolu 9, l-appellant jargumenta illi meta Rodenas harba mill-kustodju tal-Pulizija, mar ghand certu Joseph Spiteri u mhux ghand l-appellant li jirrisjedi Tas-Sliema. Dwar dan l-Ewwel Qorti kkunsidrat biss illi l-fatti kif sintetizzati jirrizultaw ampjament u m'hemm ebda dubju dwarhom. Issa l-artikolu 158 tal-Kapitolu 9, jirraviza r-reat sia ta' min xjentement jilqa' ghandu jew igieghel lil haddiehor li jilqa' ghandu persuna li kontra taghha jkun hemm ordni ta' arrest ghal reat suggett ghall-piena ta' prigunerija ghal aktar minn tliet xhur. Ezaminati l-atti jirrizulta illi l-appellant ghandu ragun f'dan l-aggravju la darba l-prosekuzzjoni ma skontatx il-prova li xjentement gieghel lill haddiehor, igifieri lil Joseph Spiteri, li jilqa' ghandu lil Rodenas. Dawn it-tlieta instabu fir-residenza ta' Joseph Spiteri izda dan wahdu mghandux iwassal ghal-konkluzzjoni li kien l-appellant li gieghel lill-Spiteri jilqa' ghandu lil Rodenas. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun milqugh u konsegwenza ta' hekk hemm lok ta' temperament fil-piena;

Ghal dawn il-motivi l-appell qed ikun milqugh limitatament kif ser jinghad. Tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni ta' serq aggravat bil-mezz u bil-lok u tilliberah mill-aggravju tal-persuna stante li ma tirrizultax, tirrevokaha f'dik

il-parti fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni li laqa' ghandu persuna li kien jaf li kien hemm ordni ta' arrest fil-konfront taghha u minflok tilliberah minnha. Tilliberah ukoll mill-imputazzjoni tat-tielet imputazzjoni dwar ir-ricetazzjoni u tikkonfermaha fil-kumplament hlief ghal dik fil-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghal-terminu ta' prigunerija ta' sentejn u minflok tikkundannah ghal-perjodu ta' prigunerija ta' disa xhur.